**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Dr. Lara Buttigieg

vs

Roderick Azzopardi - Gattini Gojja

CCT/215/21/MS

22 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Dicembru 2021 fejn talbet is-somma ta' elf euro (€1,000.00), wara illi hija xtrat ferh ta' qattus tal-ghamla Socttish Fold minghand l-intimat/ azjenda intimata ghal prezz ta' tmien mitt euro, liema qattus kellu marda kif ukoll virus kroniku li seta' jkun fatali u dawn gew a konjizzjoni taghha ftit jiem biss wara li r-rikorrenti hadet il-qattus fil-pussess taghha. Ir-rikorrenti qed titlob l-ammont li hija hallset ta' tmien mitt euro, kif ukoll l-ispejjes tal-Vet u tal-medicini li hi nefqet tul dan il-perjodu.

Ra illi l-intimat/ azjenda intimata debitament notifikati m'ghamlux risposta u hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xiehda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrenti xtrat ferh 'pure breed' tal-ghamla Scottish Fold minghand l-intimat. Hija hallset depozitu ta' erba' mitt euro fl-24 ta' Novembru 2020 u hallset il-bilanc ta' erba' mitt euro permezz tar-Revolut fis-6 ta' Gunju (ara l-ircevuti esebiti mir-rikorrenti). Ir-rikorrenti spjegat illi f'April 2021 il-qattusa kellha l-frieh u kellha tistenna tmien gimghat sakemm hadet taghha d-dar. F'dawn it-tmien gimghat zammet kuntatt mal-intimat u anke marret tara l-ferh u l-intimat dejjem assiguraha illi kien b'sahthu u li kien hadu ghand il-vet u anke weghda li ha jtiha c-certifikat tal-pedigree, izda dan qatt ma wasal.

Metą imbaghad ir-rikorrenti hadet il-qattus ghandha, ndunat illi kien zghir hafna ghall-ghamlu tieghu - fil-fatt kien jizen biss tlett mitt gramma, li skond hi, mhuwiex normali ghal dawn it-tip ta' qtates. Indunat wkoll illi kien jixrob u jiekol b'mod esagerat (iktar mill-qattus taghha li kellu tlett snin jew iktar) u ghalhekk haditu ghand il-vet ghal vista. Hemmhekk hija saret taf illi dan il-qattus, li kien ilu ghandha biss tlett ijiem, kellu zewg viruses, li wiehed minnhom seta' jigi trasmess lill-qtates ohrajn u anke lill-umani. Bdiet taghtih l-antibiotics ghal virus li seta' jigi trattat, izda l-qattus baqa juri sinjali ta' mard u regghet haditu ghand il-vet u tatu probiotics. Hemmhekk hi ddecidiet illi taghti l-qattus lura lill-intimat, li min-naha tieghu rrifjuta li jaghtiha flusha lura, izda offrielha qattus iehor minfloku. Ir-rikorrenti ma accettatx li tiehu qattus iehor ghaliex sadanittant kienet tilfet kull fiducja fl-intimat. Ghalhekk irrikorriet ghal dawn il-proceduri u qed titlob li tinghata il-flus li nefqet - kwantu ghal tmien mitt Euro dak li hallset, u mitejn euro ghall-ispejjes li hallset ghall-medicini u ghal visti/ medicini.

Illi l-intimat debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni, m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jixhed. Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qieghda tghid ir-rikorrenti, li fic-cirkostanzi hija verosimili u korroborata bil-messaggi u ircevuti. Dan ma jawgura xejn tajjeb ghall-intimat u hija turija ta' nuqqas ta' professjonalita' li jkompli jsahhah il-versjoni tar-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi minn dak li xehdet ir-rikorrenti, t-Tribunal m'ghandux dubju illi l-qattus kien marid u li l-marda bdiet meta kien ghadu fil-pussess u l-kustodja tal-intimat. It-Tribunal issib illi ghandu jiccensura lill-intimat ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett, ghalkemm ir-rikorrenti hallset l-ammont sostanzhali ta' tmien mitt euro, l-intimat ma pprovda l-ebda ircevuta fiskali u lanqas ma pprovda certifikat tal-pedigree. Di piu, t-Tribunal m'ghandux dubju illi l-agir li l-intimat wera kemm fil-konfront tar-rikorrenti kif ukoll mat-Tribunal, huwa indikazzjoni cara tal-mod dilettantesk li l-intimat imexxi n-negozju tieghu, fejn il-flus jigu l-ewwel u qabel kollox, a skapitu tas-sahha, protezzjoni u s-sigurta' - u dan huwa ta' thassib kbir ghal dan it-Tribunal, iktar u iktar f'kuntest ta' negozju fejn hemm involuti l-annimali.

Ili wara li qies ic-cirkostanzi u ra l-atti u d-dokumenti kollha, t-Tribunal jidhirlu li r-rikorenti ippruvat l-istanza taghha sal-grad li trid il-ligi.

Ir-rikorrenti qieghda titlob l-ammont ta' elf euro - tmien mitt euro huwa dak li hija hallset ghal qattus u l-mitejn euro huma l-ispejjez li hija nefqet fuq visti u trattament. Illi r-rikorrenti ma esebietx l-ircevuti kollha tal-visti u/jew medicini u esebiet biss ircevuta wahda fl-ammont ta' tletin euro. Madankollu, it-Tribunal huwa sodisfatt illi apparti it-tletin euro li

hija nefqet, ir-rikorrenti nefqet spejjes ohra ghal medicini, visti ulterjuri u trattament li jafu jitilghu mhux hazin. Ghalhekk, apparti it-tmien mitt euro, it-Tribunal ser jifissa cifra ghal dawn l-ispejjes addizjonali, *arbitrio bono viri,* fl-ammont ta' mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-intimat u/ jew l-azjenda intimata, in solidum bejniethom, ihallsu l-ammont ta' disa mitt euro (€900.00) - kwantu ghal tmien mitt euro, il-prezz li r-rikorrenti hallset ghal-qattus u kwantu ghal mitt euro - spejjes li hi hallset ghal visti u trattamenti illi nefqet. Bl-ispejjes kontra l-istess intimat/ azjenda intimata.

It-Tribunal jordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Kummissarju ghal Harsien tal-Annimali, Alison Bezzina.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru